A.L. 122 ta' l-1992

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm11,800,000 6.75% Stock tal-Gvern ta' Malta 1997

(L-EWWEL ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm11,800,000 6.75% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidhlu eżatt bil-100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*stock* jifthu il-Ġimgħa, it-18 ta' Diċembru, 1992 fid-9.00 a.m. u jagħlqu f'nofs in-nhar ta' nhar it-Tlieta, id-29 ta' Diċembru, 1992 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Att XXXIII ta' l-1990.

2. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitpoġġa fuq il-lista uffiċjali w in-negozju tal-Borza ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1990 dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li għandha tinġabar

3. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm11,800,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

4. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-3 ta' April u fit-3 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock* . L-ewwel ħlas għall-perijodu bejn it-30 ta' Diċembru, 1992 u t-3 ta' April, 1993, għandu jsir fit-3 ta' April, 1993.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

5. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm100,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament sabiex jinfeda l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tliet snin mid-29 ta' Diċembru, 1992.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jinfeda bir-rata ta' Lm100 għal kull Lm100 *stock* f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1997 u l-31 ta' Diċembru, 1997 (iżżewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta tal-Gvern.